MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Numru 406/2003

**Artikoli 17 u 28A tal-Kap 9 u l-artikolu 32(d) tal-Kap 217**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Gregory**
**v**

**TAMER MUHAMMED SALA**
**ABDEL HALIM MUHAMMED RAMADAM**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **TAMER MUHAMMED SALA** ta' hamsa w ghoxrin sena, bin Muhammed u Fatima nee Ali, imwieled l-Libja nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 1977 u joqghod Flat 2, Triq San Gorg, San Giljan detentur ta' passaport Libjan numru 182753 u **ABDEL HALIM**

**MUHAMMED RAMADAM** ta' wiehed u ghoxrin sena bin Muhammed u Deherba nee Halim Mesou, imwieled l-Libja nhar t-tnax ta' Mejju 1982 u b'residenza mhux maghrufa u bla numru ta' passaport mhxu maghruf, gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar l-hdax ta' Mejju u fix-xhur ta' qabel:

1. Ffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra li jikkonsistu minn passaport Libjan numru 182753 li meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi rahan minn Ufficjal Pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlu uzu minn wahda mill-karti imsemmija fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni f'passaport Libjan numru 182753, f'att awtentiku jew pubbliku, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawn l-atti, jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ffalsifikaw dokument jew vera kopja jew kitba ili jaqa taht d-disposizzjoni tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Lil ABDEL HALIM MUHAMMED RAMADAM wahdu**

a. talli nhar il-hdax ta' Mejju ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart gewwa d-Dragonara f'San Giljan, ghamel offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Tamer Muhammed Sala mill-Libja hekk kif ccertifikat minn Doctor T. Mizzi tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana .

**Lil TAMER MUHAMMED SALA u ABDEL HALIM MUHAMMED RAMADAM flimkien**

a. Talli nhar l-hdax ta' Mejju 2003 ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart fid-Dragonara f'San Giljan kisru l-paci w il-bon ordni pubblika.
Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tlettax ta' Mejju 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ai fini ta' piena ikkunsidrat dak li qalet il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha u cioe li l-imputati kkoperaw bis-shih maghha tul l-invetigazzjoni.

Qisiet l-ammissjoni bikrija taghhom u cioe dik maghmula minnhom fl-ewwel appuntament moghti lilhom fil-presentata ta' din il-Qorti.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jerghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li m'ghandhix taghti piena karcerarja effettiva izda ghandha tissospendi l-piena karcerarja li ser tigi inflitta fuqhom ghal perjodu massimu permess mill-ligi u dan ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 17 u 28A, tal-Kap 9 u l-artikolu 32(d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed**

**ssib lil imputati TAMER MUHAMMED SALA u ABDEL HALIM MUHAMMED RAMADAM hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom u tikkundannho, ghall-piena karcerarja ta' sentejn kull wiehed sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huma jonqsu li josservawha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------